32006D0353

L 130/42 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 18.5.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPT/1/2006

## tat-2 ta' Mejju 2006

## dwar il-ħatra tal-Kap tat-Tim ta' Ppjanar ta' l-UE (TPUE Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni possibbli ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u oqsma oħra possibbli fil-Kosovo

(2006/353/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/304/PESK ta' l-10 ta' April 2006 dwar l-istabbiliment ta' Tim ta' Ppjanar ta' l-UE (TPUE Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni possibbli ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u oqsma oħra possibbli fil-Kosovo ([1]), u b' mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni li jaħtar, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, Kap tat-Tim ta' Ppjanar ta' l-UE (TPUE Kosovo).

(2) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra tas-sinjur Caper Klynge,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sinjur Casper Klynge huwa b'dan maħtur Kap tat-Tim ta' Ppjanar ta' l-UE (TPUE Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni possibbli ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u oqsma oħra possibbli fil-Kosovo.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2006.

Magħmul fi Brussell, nhar it-2 ta' Mejju 2006.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
F. J. KUGLITSCH

([1]) ĠU L 112, 26.4.2006, p. 19